Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03

It- Tnejn, 12 ta' Awwissu 2024

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-09.00am.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Anthony Barbaro Sant

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ppresjeda l-laqgħa li bdiet fit-09.10am

**03.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

01.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal- Minuti**

03.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tat- Tieni Laqgħa.tal-Kunsill Lokali. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa

03.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**03.3 Kumunikazzjoni mis- Sindku**

03.3.1 Is- Sindku talab lis- SE jikkomunika mal-perit tal-Kunsill biex jibdew it-tħejjijiet ħalli jiġu sottomessi il-BOQs ghax xogħolijiet fit-toroq madwar b'rabta ma' Framwork Agreement li kien sar mad- Dipartiment tax- Xogħolijiet Pubbliċi.

03.3.2 Is- Sindku infurma lil Kunsill li fir-rigward ta' l-installazzjoni ta CCTVs ġewwa Howard Gardens, ix-xahar d-dieħel, il-kuntrattur li rebaħ it-tender ser isir survey tal--ġnien fir-rigward ta' fejn ser jiġu nstallati il-cameras. Qed jiġi stmat li sa l-aħħar ta' Ottubru, l-cameras ikunu qed jaħdmu.

03.3.3 Is- Sindku talab lis- SE jikteb lil-awtoritajiet konċernati biex isir manutenzjoni fuq ix- xelter taz-zwiemel.

03.3.4 Is- Sindku talab li għandhom jinxtraw xi fjuri biex insebbħu aktar il-ġnien ta' Howard Gardens sa mhux akter minn €500. Il-Kunsill approva.

03.3.4 Is- Sindku infurma lill- Kunsill li 'l-Ministeru għal Enerġija għadu kemm approva biex jiġu nstallati self charging units għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Dawn ser jiġu nstallati fix-xhur li ġejjin.

03.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li ser jagħmel rapport formali kemm mal-pulizija kif ukoll ser jilmenta mar- Reġjun Punent għal fatt li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart kemm imħħallat kif ukoll organiku, l-vettura li qed jaħdem biha qed iqattar iz-zejt bil-konsegwenzi kollha tagħhom.

**03.4 Permessi għad-dħul ta' Vetturi ġewwa l-Mdina**

03.4.1 Saret diskussjoni bejn il-Kunsilliera rigward is-sitwazzjoni prezenti ta' l-ammont ta' karrozzi li li qed jidħlu ġewwa l-Mdina u li minħabba diversi fatturi qed jizdied maz-zmien u kif jista' jinstab soluzzjoni f'dan ir-rigward.

03.4.2 Il- Kunsill qabel li fil-ġranet li ġejjin kemm is- Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku ser isegwu l-andament tas-sitwazzjoni prezenti u fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss l-aħjar soluzzjoni.

**03.5 Medieval Mdina 2025**

03.5.1 Il-Kunsill ddeċieda li wara assenza ta' sentejn, jerġa jiġi organizzat il-Medieval Mdina fejn din ser ssir nhar it- 3 u 4 ta' Mejju 2025.

**03.6 Kwotazzjonijiet BBQ -Jum L-Mdina**

03.6.1 Il-Kunsill ġab tlett kwotazzjonijiet biex jingħataw servizzi ta' catering waqt l-attivita' ta' BBQ għal Jum L-Mdina.

03.6.2 L-irħas offerta kienet ta' James Caterers fejn din il-kwotazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill

**03.7 Ilmenti u items oħrata' xogħol ieħor tal-Kunsill**

03.7.1 Il-Kunsill ddiskuta l-ftehim li sar mal- Public Works rigward talbiet ta' xogħolijiet infrastrutturali li jistgħu isiru maz-zmien. Ser jitressqu għal kunsiderazzjoni tal-Public Works xi xogħoliiet li hemm bzonn ġewwa l-Mdina. Il-Perit tal-Kunsill ser jara' li dan jitwettaq.

**03.8 Ilmenti u Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

03.8.1 Legio X Fretensis- Talba biex tiġi organizzata attivita' ta' re-enactment fil-perjodu Ruman.

03.8.2 Regjun Punent- Proġett Promozzjoni tal-Wirt Kulturali

03.8.3 DLG- Direttiva Nru 1/2024- Laqgħat statutorji tal-Kunsilli.

03.8.4 Blacklake Pictures- Talba għal filming ġewwa l-Mdina. Ser ssir laqgħa mal-produtturi tal-film

03.8.5 Torches Celebrity- Talba biex jidħlu torchbearers fl-Mdina. Il-Kunsill approva b'ċertu restrizzjonijiet.

**03.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

03.9.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 12 ta' Awwissu 2024 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 20,792.87

03.9.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korretta.

**03.10 Tmiem tal- Laqgħa**

03.10 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 11.24am u ġiet aġġornata għat-14 ta’ Settembru 2024 fit-9am

| | |
|---|---|
| FFIRMATI | FFIRMATI |
| ______________________ | ______________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___14 ta’ Settembru 2024__